# Xi darba jew oħra kulħadd jiżbalja...



Kif tħossok meta
tagħmel xi ħaġa
li mhux suppost
għamiltha?

Ġieli kien hemm xi ħadd li għamillek xi ħaġa li ma tantx ħadt gost biha?

Kif ħassejtek?

Kif irranġajtu?



# X'għandna nagħmlu meta xi ħadd jiżbalja?



# Is-sejħa ta' Mattew





Kien hemm raġel jismu Mattew. Dan Mattew kien jiġbor it-taxxi. Kellu moħħu jilħaqlu u lin-nies kien joħdilhom aktar flus milli kien imisshom. In-nies xejn ma kienu jieħdu pjaċir bih!



Mattew kien intelliġenti u sinjur. Imma l-intelliġenza u l-flus qatt m'għamluh kuntent. Mattew kien ikun dejjem imdejjaq.



Darba waħda Mattew ra lil Ġesù qrib il-mejda tiegħu.



Mattew kien qed jiġbor it-taxxi. Ġesù mar fuqu u qallu,

"Mattew, qum u ejja warajja."

Mattew beda jaħseb... X'kien se jagħmel?




Se jħalli l-flus fuq il-mejda u jitlaq?

Se jħalli xogħlu u jmur wara Ġesù?

Mattew qam u mar wara Ġesù.



Mattew stieden lil Ġesù d-dar tiegħu għall-ikel. In-nies stagħġbu u staqsew lil Ġesù għaliex kien jiekol ma' nies bħal Mattew. Imma Ġesù qalilhom,

"Jien ġejt infittex lil min jiżbalja."

U minn dakinhar Mattew sar bniedem ferħan.

Telaq ix-xogħol tiegħu u beda jimxi wara Ġesù.




Mattew kiteb fuq ħafna affarijiet li ra lil Ġesù jgħid u jagħmel. Il-kitbiet tiegħu qegħdin fil-Bibbja fl-evanġelju ta' San Mattew.

Ġesù ried il-ġid għal Mattew.
Tah pariri tajbin u Mattew sema' minnu.

Aħna wkoll irridu nimxu fuq dak li jgħidilna Ġesù u nagħtu kas il-pariri ta' dawk li jridulna l-ġid.



# Talba

Mulej Ġesù, għinni biex dejjem infittex li nagħmel it-tajjeb u naċċetta l-pariri ta' dawk li jriduli l-ġid.

